# 57. Id-Deċiżjoni

Fl-eternità
tiegħek Mulej
int kellek tieħu
għadd kbir ta’ deċiżjonijiet.

Meta
Adam u Eva
kielu t-tuffieħa,
int qtajt illi tkeċċihom
mill-ġnien ta’ Eden,
mingħajr ma qist
il-konsegwenzi koroh
għalihom, għal uliedhom,
quddiem għajnejk
żammejt biss il-prinċipju
bl-ubbidjenza
għall-amar tiegħek.

Meta l-bnedmin
tkasbru bil-għajb
tal-omosesswalità,
inti qtajt illi tgħarraqhom
f’diluvju kbir;
quddiem għajnejk
żammejt biss il-prinċipju
tad-dinjità tal-bniedem.

Iddeċidejt, Mulej,
li tibgħat l-Iben tiegħek
fid-dinja sabiex jifdi
’l-umanità,
int rajt li fi ħruxithom
in-nies ta’ ġensu
sejrin isallbu lilu
fuq il-Kalvarju,
u bgħattu xorta;
quddiem għajnejk
żammejt biss il-prinċipju
tal-fidwa u tal-imħabba.

Mulej, illum
fil-kriżi ta' pajjiżi
irrid li nagħżel
bejn il-ħelsien ta' arti
u t-tbatija
tal-poplu Malti
għal bosta snin;
quddiem għajnejja
sa nżomm biss il-prinċipju
tal-ġieħ u tal-ħelsien!

Mulej, agħtini d-dawl;
Mulej, agħtini l-qawwa;
jiena mhux Alla,
jien dudu żgħir tal-art.

*Miktuba fit-13 ta' Frar 1972 qabel laqgħa tal-Gabinett fil-ġlieda mal-Gvern Ingliż*